**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D., MAG. JUR. (EU LAW)**

**DISTRETT QORMI**

**Każ Nru. 1993/2022**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Keith Micallef**

**Illum, 14 ta' Marzu 2024**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Keith Micallef, ta' 42 sena, detentur tal-karta tal-identità Maltija, bin-numru 478679M, li permezz tagħhom ġie akkużat talli:

> *"…nhar is-17 ta' Frar 2022 u fil-ġranet u ix xhar ta wara f dawn il gzejjer*
>
> *1) Bħala detentur tal-liċenzja li l-arma regolari jew munizzjon tiegħu, u li dwarhom ikollu liċenzja, jintilfulu, jinsterqulu, jew issirilhom ħsara b'mod li ma jkunux jistgħu jissewwew. Inqast li tirraporta dak it-telf, serq jew ħsara irreparabbli lill-Kummissarju fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa minn meta jinduna b'dak it-telf, serq jew ħsara irreparabbli.*
>
> *2) Bħala negozjant jew persuna oħra li jkollha liċenzja biex takkwista jew ikollha fil-pussess tagħha xi arma regolari jew munizzjon inqast li iżomm dawk l-oġġetti fil-kustodja tieghek b'tali mod li dawn ma jiġux f'idejn ħaddieħor."*

Rat id-dokumenti ezebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet trattazzjoni;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti tqis li l-Artikolu 43 tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola li detentur ta' liċenzja li l-arma regolari jew munizzjon tiegħu, u li dwarhom ikollu liċenzja, jintilfulu, jinsterqulu, jew issirilhom ħsara b'mod li ma jkunux jistgħu jissewwew, għandu jirraporta dak it-telf, serq jew ħsara irreparabbli lill-Kummissarju, fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa minn meta jinduna b'dak it-telf, serq jew ħsara irreparabbli. F'dan il-każ, l-imputat għażel li ma jixhidx. L-unika prova mressqa mill-Prosekuzzjoni kienet dokumenti u affidavit ta' PS 827. Mill-affidavit ta' PS 827 Edward Grech, jirriżulta li fit-18 ta' Marzu, 2022, l-imputat mar jirraporta l-Għassa li fis-17 ta' Marzu, 2022, għal ħabta tat-18.15 hrs, induna li kellu arma tan-nar mitlufa, liema arma tan-nar instabet mill-Pulizija ta' CID, waqt *search* li seħħ ġo garaxx. Il-Prosekuzzjoni ppreżentat ukoll dokumenti dwar fuq min kienet reġistrata din l-arma tan-nar, liema dettalji jikkombaċaw mad-dettalji tal-imputat.

Madanakollu, id-dispożizzjoni tal-liġi fuq riferita tagħmilha ċara, li detentur ta' liċenżja għandu jirraporta dak it-telf, serq jew ħsara irreparabbli lill-Kummissarju, fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa minn meta jinduna b'dak it-telf, serq jew ħsara irreparabbli. F'dan l-affidavit jirriżulta ċar, li l-imputat mar jirraporta fit-18 ta' Marzu, 2022, wara li fis-17 ta' Marzu, 2022, kien induna li kellu arma tan-nar mitlufa. Huwa minnu li aktar tard fl-affidavit, ġie mniżżel li fis-17 ta' Frar, 2022, l-imputat kien mar jispara żewġ tiri b'din l-arma, u wara mar jagħmel xi xogħol f'

garaxx, u filgħaxija hekk kif irritorna d-dar, induna li l-arma ma kinitx ġol-vettura, iżda ħaseb li ħalliha ġol-garaxx. Iżda fl-affidavit ta' PS 827, l-istess Surġent żied jgħid li l-imputat qallu li traskura u ma tax każ, u nduna biss li l-arma tan-nar kienet nieqsa, hekk kif kellmuh il-Pulizija tas-CID, nhar is-17 ta' Marzu, 2022, meta nfurmawh li nstabet ġo garaxx. Il-Qorti ma ngħatatx dettalji dwar jekk dan il-garaxx kienx l-istess garaxx li kien mar jagħmel xogħol fih l-imputat, dakinhar tas-17 ta' Frar, 2022, jew jekk kienx xi garaxx ieħor.

Minn dan kollu, għalhekk, din il-Qorti ma tqisx li tressqu provi biżżejjed li jikkonvinċuha, li l-imputat kien induna bit-telf tal-arma tan-nar fis-17 ta' Frar, 2022. Dakinhar huwa kien mingħalih li ħalla l-arma tan-nar f'garaxx, iżda kien biss fis-17 ta' Marzu, 2022, skont hekk kif irrapportat fl-affidavit ta' PS 827, li l-imputat induna li l-arma tan-nar kienet mitlufa. Għaldaqstant jirriżulta, li din l-ewwel imputazzjoni ma ġietx ippruvata mill-Prosekuzzjoni u l-imputat sejjer jiġi liberat minnha.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, l-Artikolu 47(1) tal-Kap 480 jistipola li negozjant jew persuna oħra li jkollha liċenzja biex takkwista jew ikollha fil-pussess tagħha xi arma regolari jew munizzjon, għandhom iżommu dawk l-oġġetti fil-kustodja tagħhom b'tali mod, li dawn ma jiġux f'idejn ħaddieħor. Mill-provi prodotti jirriżulta, li din it-tieni imputazzjoni, ġiet ampjament ippruvata mill-Prosekuzzjoni, tramite l-affidavit u dokumenti sottomessi.

Dwar piena, din il-Qorti qieset l-Artikolu 51 (8) tal-Kap 480, li jistipola li kull min jikser xi dispożizzjoni tat-Taqsima IX ta' dan l-Att, ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu(€232.94) jew il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien. Qieset ukoll li skont l-Artikolu 61 tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta, id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation u tal-Artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali, ma jkunu japplikaw għal ebda reat kontra xi dispożizzjoni ta' dan l-Att.

Din il-Qorti tqis li għandha tiġbed l-attenzjoni tal-imputat, għall-fatt li arma tan-nar hija perikoluża ħafna, u għalhekk għandu obbligu li jżomm l-istess arma fil-kustodja tiegħu b'tali mod, li din ma tiġix f'idejn ħaddiehor.

**Għaldaqstant, din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 47(1) u 51(8) tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' tliet mija u ħamsin Ewro (€350), filwaqt li wara li rat l-Artikolu 43 tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni u tilliberah minnha.**

**Maġistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**